MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 356/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**
**KONTRA**

**ANGELIC MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Angelic Mifsud ta’ 38 sena, bin Carmelo u Emanuela nee’ Galea, mwieled Sliema nhar it- 23 ta’ Dicembru 1968, residenti 17, Triq l- Imriekeb, M’ Scala u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 47569(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fil- perjodu ta’ bejn Settembru 2001 u Dicembru 2003, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiskru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet folox jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jwe billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn Lm 1, 000 ghad-dannu tal- kumpanija PC Techonologies Ltd u persuni ohra;

2) aktar talli fl- istess data u lok ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem u cioe’ Memorandum and Articles of Association li jappartjeni lill- kumpnaija PC Technologies Ltd, bili halaq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew dahhal dawn il- pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu gew infurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) u aktar talli fl- istess data u lok xjentement ghamel uzu minn l- istess att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat att, kitba jew skrittura falza hekk kif fuq imsemmija;

4) talli f’ dawn il- Gzejjer, fil- perjodu ta’ bejn Settembru 2001 u Dicembru 2003 approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, u cioe’ approprja ruhu minn flejjes tal- Kumpanija PC Technologies Ltd, liema flejjes jammontaw ghas- somma

ta’ aktar minn elf lira u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali 28 ta’ Ottubru, 2008, bl-Artikoli tal-ligi hemm indikati, esebita a fol. 183 tal-process;

Rat illi l-imputat ukoll ta l-kunsens tieghu li l-kawza tigi ttrattata w deciza minn din il-Qorti b’mod sommarju, ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghall-kaz in kwistjoni kienu s-segwenti. L-imputat kien direttur ta’ kumpannija jisimha “PC Technologies ltd”, li kienet giet iffurmata f’ Jannar 2001 bejnu u certu Matthew Sciberras. F’ Settembru 2001, permezz ta’ skrittura privata esebita a fol. 48, dahal bhala shab certu Raymond Gatt, il-parti leza f’din il-kawza u membru tal-Korp tal-Pulizija, minnflok Sciberras, u hallas l-ammont ta’ ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) bhala sehemu fil-kapital tal-kumpannija. It-trasferiment tal-ishma tal-kumpannija bejn Sciberras u Gatt sar f’ Novembru, 2001, esebit a fol. 83, izda dan id-dokument qatt ma gie registrat mal- Malta Financial Services Authority, jew mad-dipartiment tas-successjoni ghall-hlas tat-taxxa fuqu. Barra minn hekk, kemm Gatt kif ukoll l-imputat kienu deheru ghax-“share transfer” quddiem l-“accountant” tal-kumpanija, John Zammit, fl-assenza ta’ Sciberras, li suppost kien gia’ iffirma d-dokument, izda

sussegwentement gie allegat li l-firma ta' Sciberras fuq dak id-dokument ma kienetx tieghu.

Fil-frattemp, Raymond Gatt dam madwar sena u nofs shab mal-imputat, u hu allega li kien hallas diversi ammonti ohra ghall-kumpannija, izda meta ra li ma kien qed jiehu ebda sodisfazzjon ta' kif sejjer in-negozju, u meta ra li l-imputat qatt ma tah rendikont tal-qligh jew telf maghmul f'dak iz-zmien kollu, hu telaq mill-kumpannija u ghamel rapport lill-Pulizija li ghandu jiehu somma flus mill-imputat u baqa' ma ha xejn. Kien ghalhekk li bdew l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, u infethu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Ir-reati li ghalihom qed iwiegeb l-imputat huma essenzjalment tlieta, ghalkemm il-fatt huwa wiehed, u dawn huma s-segwenti: falsifikazzjoni u l-uzu ta' document falz, frodi, u misaproprjazzjoni, bl-ahhar zewg reati jkunu alternattiva wahda ghall-ohra. Ir-reat ta' falsifikazzjoni qed jinghata minhabba li qed jinghad li x-"share transfer agreement" kellu firma falza ta' Matthew Sciberras, u ghalhekk tiskatta id-disposizzjoni tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9. Kwantu ghar-reati ta' misaproprjazzjoni u ta' frodi, dawn inghataw peress illi qed jintqal illi l-imputat ghamel uzu illecitu mill-flus li hallas Raymond Gatt biex jidhol shab fil-kumpanija "PC Technologies ltd", kif gia' intqal hawn fuq. Halhekk il-Qorti issa trid tezamina l-provi bir-reqqa u tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha lil 'hinn mid-dubju dettat mir-raguni.

Qabel xejn, il-Qorti ghandha tirrileva li f'dan il-kaz kien hemm tlitt ufficjali investigattivi differenti. Meta sar ir-rapport ta' Gatt, kienet bdiet tinvestiga l-kaz l-Ispettur Edel Mary Camilleri, li ma gietx prodotta bhala xhud fl-ebda stadju. L-investigazzjoni tkompliet minn Kevin Borg, Spettur iehor mat-Taqsima ta' Kontra l-Frodi, li fil-fatt kien l-ufficjal li nvestiga l-kaz kollu u li effettivament ressaq lill-imputat il-Qorti. Qabel ma nqrat l-akkuza, izda, l-Ispettur Borg telaq mill-korp, u ghalhekk il-kaz kellu jitkompla mill-Ispettur Ian Abdilla, l-Ufficjal Prosekutur f'din il-kawza. Huwa ghalhekk li l-kaz hu bbazat principalment fuq ix-

xiehda ta’ Gatt u tal-ex Spettur Borg. Ix-xhieda l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni kienu ghal fini ta’ korroborazzjoni tal-provi gia’ prodotti.

Illi ghalhekk, mil-bidu nett tal-kawza, il-Qorti nnotat karenza shiha fil-provi tal-prosekuzzjoni, jew ahjar fin-nuqqas ta’ provi prodotti. Ix-xiehda ta’ Gatt wehidha m’hix sufficjenti biex jigi ppruvat dan kollu fil-konfront tal-imputat, izda tehtieg provi ohra materjali biex issahhah id-diversi allegazzjonijiet maghmula minnu. Bid-dovut rispett, ix-xhud Kevin Borg naqas kompletament milli jindika b’mod car u univoku fejn kienu waslu l-investigazzjonijiet tieghu. Biex jinghata ezempju, fl-investigazzjoni gie elevat “computer” tal-imputat u kienu saru ezamijiet forensici fuqu, sabiex l-informazzjoni fuq l-operat tan-negozju jigi ppublikat. Ma gie esebit l-ebda “computer”, u ma gie indikat xejn jekk instabx xi informazzjoni f’dan ir-rigward. Dan qed jinghad biss biex jinghata esempju. Madankollu, il-Qorti ser tittratta t-tlitt reati fid-dawl tal-provi prodotti.

Ir-reat ta’ falsifikazzjoni u ta’ uzu ta’ document falz assolutament ma rrisulta minn imkien. Giet prodotta l-iskrittura fejn allegatament hemm firma falza ta’ Matthew Sciberras, Dok KB 5 a fol. 83 tal-process, u gew esebiti immedjatament wara, a fol. 84 bhala Dok KB 5, kopji ta’ zewg firem biex juru liema hi l-firma proprja ta’ Sciberras, minghajr hadd ma spjega minn fejn gew dawn il-firem, minghajr ma gew esebiti l-originali tal-istess firem, minghajr ma sar xi ezercizzju ta’ tqabbil tal-istess firem. Kull ma hemm fil-process hija x-xiehda nebuluza ghall-ahhar ta’ Sciberras, li l-anqas kien cert jekk il-firma fuq ix-“share transfer” hijiex tieghu jew le. Ghalhekk ir-reat ta’ falsifikazzjoni l-anqas b’xiber ma gie ppruvat, u konsegwentement l-uzu ta’ dokument falz ukoll ma jirrisultax. Il-fatt wahdu, kif jidher li gara, li Sciberras ma kienx presenti meta Gatt u l-imputat marru quddiem John Zammit (l-“accountant” tal-kumpanija) biex jiffirmaw l-istess dokument, fejn gia’ kien hemm firma ta’ Sciberras, huwa plawsibbli, ghalkemm m’hux prassi korretta. Kemm-il darba jsiru firem fuq dokumenti fl-assenza ta’ xhieda u ta’ terzi meta jkun hemm fiducja bejn il-partijiet, u dan ghal ragunijiet ta’ praticita’. Ghalhekk, il-Qorti sejra tillibera lill-

imputat mill-imputazzjonijiet ta' falsifikazzjoni u ta' uzu ta' document falz.

Nigu issa ghalhekk ghar-reati ta' frodi u ta' misaproprjazzjoni. Il-Qrati taghna taw diversi pronunzjamenti fuq dawn il-materji, bil-maggor parti ta' dawn is-sentenzi jsegwu l-insenjament ta' awturi taljani u gurisprudenza ohra. Hekk, per ezempju, il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "Pul. V. George Grech" moghtija fit-22 ta' April, 2009 (App. Krim. 350/06 DS), il-Qorti rriteniet hekk:

"Dak li jrid jigi determinat mhuwiex biss x'intenzjoni kellu l-appellant izda wkoll jekk kienx jezisti l-element intenzjonali mehtieg fl-appellant biex jista' jinghad li jissussisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Kif jispjega Luigi Majno[1]:

"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo …. Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di

[1] **Commento al Codice Penale Italiano**, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pag. 105 – 106.

indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l’operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l’incaricato di esigere l’importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dolo*.” “

Minn dan ghalhekk jirrisulta li jrid jigi ppruvat li kien hemm gia’ l-intenzjoni tal-imputat biex japroprja ruhu mill-flus ta’ Gatt, haga li ma rrisultat minn imkien. Mhux talli, izda kien Gatt stess li volontarjament ta l-flus, tlitt pagamenti maghmulin permezz ta “cheque” ta’ tmint elef Lira Maltin, iehor ta’ elf u hames mija Lira Maltin, u iehor ta’ hames mitt Lira Maltin, esebiti a fol. 89, 90 u 91 tal-process u mmarkati bhala Doks KB 8, KB 9 u KB 10 rispettivament. Dan juri li kien hemm l-element ta’ negozju bejn il-partijiet, imsahhah aktar meta fl-istess xiehda ta’ Gatt, hu jistqarr li hu hallas lil diversi kredituri tal-kumpanija minn flusu. Ghal dawk il-pagamenti zgur li ma jistax jinghad li l-imputat qatt kien fil-pussess taghhom u approprja ruhu minnhom. Jidher car li l-intenzjoni tat-tnejn kien li jmexxu l-kumpanija ‘l quddiem. Jekk in-negozju ma kienx sejjer tajjeb, ghal raguni jew ohra, dan ma jfissirx li hemm l-elementi ta’ reat kriminali kommess minn wiehed mil-partijiet. Il-materja tibqa’ wahda purament kummercjali, u ghandha tigi risolta permezz ta’ proceduri civili. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ir-reat ta’ aproprjazzjoni indebita ukoll ma tirrisultax ippruvata.

Nigu ghalhekk ghar-reat ta’ frodi. Kif inhu risaput, biex jirrisulta ppruvat dan ir-reat, irid jintwera li l-imputat holoq raggiri jew artifizji b’mod li wassal lill-parti leza biex jemmen li ser jaghmel xi qligh. Dawn ir-raggiri jew artifizji

jridu jkunu maghmula b'ghemil qarrieqi, u hawnhekk ukoll kemm l-element tal-intenzjoni kif ukoll lelement materjali tar-reat huma essenzjali. Mill-provi prodotti dawn imkien ma rrisultaw. Minn imkien ma jidher li l-imputat holoq xi forma ta' truffa, raggiri jew artifizji li nducew lil Gatt jemmen li ser jaghmel xi gwadann. In-negozju kien wiehed semplici ghall-ahhar. Gatt ried jinvesti fil-kumpanija tal-imputat biex it-tifel tieghu, la jaghlaq 18-il sena, ikun jista' jibda jahdem f'dan in-negozju. Di fatti, bhala membru tal-Korp tal-Pulizija, Gatt ma setax jidher hu fil-kotba tal-kumpanija. Kien ghalhekk li hu hallas dawk il-flus minghajr ma deher fl-istatut tal-kumpanija, biex bhal qisu jirriserva dritt ghal ibnu biex isib xoghol malajr. Ghalhekk, minn dan ir-reat ukoll l-imputat ser jigi lliberat.

Fl-ahhar nett, il-Qorti ma tistax ma tikkummentax ghall-mod kif saret din l-investigazzjoni. Il-Qorti tissimpatizza mal-Ufficjal Prosekutur odjern, li kellu jidhol f'zarbun imhejji minn haddiehor, u jiddefendi kawza li kienet monka mill-bidu nett. Il-Qorti hadet impressjoni, u s-soltu ma tantx tizbalja fl-impressjonijiet taghha, li din il-kawza kienet biss "fishing expedition" li saret mill-ex Spettur Borg, forsi fuq insistenza insolita minn membru tal-korp, u cioe' l-parti leza Raymond Gatt. Tant din il-kawza kienet wahda ta' spara fejn gie gie forsi tolqot xi haga, li din il-karatteristka kollha hi migbura f' dokument wiehed, esebit bhala Dok IA 1 fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2008. Dan id-dokument m'hu xejn hlief borza mimlija karti sfuzi, ircevuti varji, u kontijiet ta' kumpaniji ohra. La hadd ma xehed fuq dawn il-karti kollha, la hadd ma spjega x'kienu u minn fejn gew, la hadd ma pprova jibni xi forma ta' "management accounts" jew "audit" tal-operat kummercjali tal-kumpanija: semplicement gew litteralment mitluqa f' hogor din il-Qorti, qisu xi hadd ippretenda li din il-Qorti toqghod taghmel ezercizzju hi u tezamina kull dokument biex forsi jirrisulta xi haga kontra l-imputat. Imkien m'ghandhom isiru hekk il-kawzi, l-anqas f' sede civili, fejn l-oneru tal-provi huwa ferm anqas rigoruz minn dak fil-kriminal, u fejn l-effetti ta' sentenza huma hafna anqas iebsa minn dawk tal-kriminal. Aktar u aktar m'ghandhomx jitmexxew kawzi kriminali b'dan il-mod. L-ufficjal investigattiv messu qaghad hafna aktar attent fl-investigazzjoni tieghu, fix-xiehda tieghu, u fl-

ispjegazzjoni li ta – jekk hekk ghamel – lil ta' warajh, u ma jhallix lill-ex kollegi tieghu fid-dlam assolut. Dan il-mod legger ta' investigazzjoni kriminali ma jista' jwassal ghal xejn hlief ghal liberazzjoni assoluta tal-imputat, kif din il-Qorti effettivament sejra taghmel.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 183, 184, 293, 294 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------